## IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 29 ta' Settembru 2020**

**Talba Numru 333/2019SFJ**

***Vodafone Malta Limited (C10865)***
***vs.***
***Vadim Fedotov (71120A)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett elef u tmien mija u tmintax-il Ewro u ċenteżmu (€3,818.01) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.10996505 fuq talba u għall-benefiċċju tal-intimat, oltre l-ispejjeż u l-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra d-dokumentazzjoni annessa mal-Avviż tat-Talba, fosthom l-affidavit tal-Avv. Jeremy Debono li permezz tiegħu ġie kkonfermat li l-konvenut huwa debitur tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba. L-Avv. Debono ikkonferma wkoll li s-soċjetà attriċi kienet ippruvat tinterpella lill-konvenut aktar minn darba sabiex dan iħallas, iżda kull tentattiv kellu eżitu negattiv tant li fl-aħħar kellha ssir din il-kawża.

Ra t-traduzzjoni tal-Avviż tat-Talba għall-lingwa Ingliża, liema traduzzjoni kienet annessa mal-istess Avviż tat-Talba u ppreżentata kontestwalment mal-att promotur.

Ra li l-konvenut ġie innotifikat permezz tal-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'gazzetta lokali (fol. 23 *et seq.*).

Ra li fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2020, l-Avv. Mariah Mula, għas-soċjetà attriċi, ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut li permezz tiegħu riedet tipprova taħt ġurament li l-konvenut huwa debitur tagħha

fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba. Il-konvenut ma deherx għas-seduta għalkemm kien innotifikat.

Ra li fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020, il-konvenut baqa' ma deherx sabiex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni u biex jikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-taba ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u tqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef u tmien mija u tmintax-il Ewro u ċenteżmu (€3,818.01) u bl-imgħax li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**